MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1078/2002

**Av. Dr. Luigi A. Sansone LL.B., LL.D., bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Bass Beers Worldwide Limited, ta' Rocksborough House, 117-123 Warwick Road, Olton, Solihull, West Midlands B92 7HN, l-Ingilterra.**

**Vs**

**Grapefood Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici rappresentata mill-attur nomine ppremettiet illi hija kreditrici ta' s-socjeta' konvenuta fis-somma ta' disat elef, tlett mija u disghin lira sterlina punt wiehed tmienja (£9393.81,0), li skond ir-rata odjerna ta' wiehed punt hamsa tnejn sebgha erbgha (1.5274) ghal kull lira Maltija (LM1.00,0), huwa ekwivalenti ghal sitt elef, mija u tmienja u erbghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (LM6148.23,0), u dan kollu fuq bejgh ta'

merkanzija debitament ordnat u accettat mis-socjeta' konvenuta;

Ipremettiet illi s-somma kapitali hija dovuta (a) kwantu ghal GBP1961.00 bhala bilanc minn somma akbar skond fattura referenza 00002030 datata 22 ta' Novembru, 1999, (b) kwantu ghal GPB6693.80 skond fattura referenza A055528 datata 26 ta' Novembru, 1999, (c) kwantu ghal GPB210.61 skond fattura referenza A055599 datata 29 ta' Novembru, 1999, u (d) kwantu ghal GBP525.40 skond fattura referenza 00003002 datata 21 ta' Dicembru, 1999, dan kollu skond kif jidher minn kopji ta' prospett, fatturi u noti ta' akkreditament hawn ilkoll annessi;

Ipremettiet illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, ukoll permezz ta' ittri interpellatorji ta' t-tmienja (8) u l-hdax (11) ta' Gunju, 2001, u ittra ufficjali datata sittax (16) ta' Jannar, 2002 debitament notifikata lilha, s-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Ipremettiet illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut;

Talbet ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandhiex din il-Qorti:

1 Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, tlett mija u disghin lira sterlina punt wiehed tmienja (£9390.81,0), li skond ir-rata ta' kambju fid-data ta' presentazzjoni ta' dan l-att ta' citazzjoni ta' wiehed punt hamsa tnejn sebgha erbgha (1.5274) ghall kull lira Maltija (LM1.00,0), huwa ekwivalenti ghal sitt elef mija u tmienja u erbghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (LM6148.23,0);

2 Tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh ta' l-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati tmienja (8) u hdax (11) ta' Gunju, 2001, u ta' l-ittra ufficjali ta' s-sittax (16) ta' Jannar, 2002, u bl-imghaxijiet kollha skond il-ligi mid-dati ta' hrug ta' l-fatturi rispettivi sad-data

ta’ l-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ sa minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

IMHALLEF

D/REG